

Brussell, 21 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14208/19

ESPACE 92

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	It-trawwim ta' ekonomija spazjali sostenibbli - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument ta' sfond bi tħejjija għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività - parti Spazju tad-29 ta' Novembru 2019.

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-26 ta' Ottubru 2016 il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar Strateġija Spazjali għall-Ewropa¹ biex tistabbilixxi l-viżjoni strateġika ġenerali għall-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea fl-ispazju, filwaqt li tiżgura koordinazzjoni u komplementarjetà xierqa mal-attivitajiet imwettqa mill-Istati Membri tal-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea ("ESA").
2. L-implimentazzjoni ulterjuri tal-istrateġija spazjali għandha tappoġġa b'mod aktar effettiv it-tiġdid u l-iżvilupp tal-industrija spazjali Ewropea. Dan jippermetti li l-industrija tespandi u ttejjeb l-aċċess għas-swieq u l-katini ta' valur globali u Ewropej, u b'mod partikolari trawwem ir-rabtiet tal-industrija spazjali mat-tiġdid u t-tkabbir ta' setturi oħra.
3. Bħala segwitu tal-istrateġija tal-2016, il-Kummissjoni pproponiet Regolament li jistabbilixxi l-programm spazjali tal-UE għall-2021-2027. It-test, approvat bħala fehim komuni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u li ġie vvotat fl-ewwel qari mill-Parlament Ewropew, iħeġġeġ lill-Unjoni tappoġġa t-tkabbir u l-iżvilupp tas-settur spazjali.

II. L-ISPAZJU JIPPERMETTI TKABBIR SOSTENIBBLI

4. L-ekonomija spazjali globali għaddejja minn trasformazzjoni rapida. Ix-xejriet attwali ewlenin jinkludu aktar interess u investiment pubbliku f'attivitajiet spazjali; bidliet teknoloġiċi kbar li jfixklu l-mudelli kummerċjali tradizzjonali, li jnaqqsu l-ispejjeż tal-aċċess u tal-użu tal-ispazju ("*Spazju Ġdid*"); livell li qed jikber ta' investiment privat f'impriżi spazjali; u aktar integrazzjoni tal-ispazju fis-soċjetà u bl-ekonomija li twassal għal aktar ħolqien ta' valur kemm fis-settur spazjali kif ukoll f'dak mhux spazjali. Wieħed mill-għanijiet strateġiċi tal-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa huwa li jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tal-ispazju għas-soċjetà u għall-ekonomija tal-UE.

¹ dok. 13758/16.

5. Fl-Ewropa, bħal f'reġjuni oħra, tfaċċaw dejjem aktar aspettattivi dwar l-attivitajiet spazjali bħala xprun għat-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi, filwaqt li jipprovdu għodod biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali u globali, b'mod partikolari t-trasformazzjoni diġitali u l-azzjoni klimatika. F'Settembru 2019, il-Kunsill Kompetittività ddiskuta l-istrateġija fit-tul tal-UE għal tkabbir sostenibbli², waħda mill-pedamenti tal-aġenda strateġika tal-UE 2019-2024 adottata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2019³. L-ispazju ġie rikonoxxut bħala wieħed mill-faċilitaturi futuri li jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli.
6. Bl-iżvilupp u l-użu tal-aktar teknoloġiji avvanzati, ta' infrastruttura u kapacià strateġiċi Ewropej u ta' settijiet ta' data sinifikanti għall-użu pubbliku u privat, il-politika spazjali saret faċilitatur ewlieni għat-tkabbir sostenibbli futur u l-bażi għall-monitoraġġ tal-klima u l-użu tar-riżorsi kif ukoll ippermettiet it-trasformazzjoni diġitali rapida.
7. L-innovazzjonijiet emerġenti, l-intelliġenza artiċijali, id-data u l-ekonomija tal-pjattaformi huma muturi ewlenin għall-aċċellerazzjoni tal-produttività, it-tkabbir, il-prosperità u l-impjiegi Ewropej bħala parti mill-ekonomija tad-data globali. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tfittex li tippromwovi aktar l-innovazzjoni fis-servizzi tad-data spazjali, iżżid l-appoġġ għall-użu tat-teknoloġiji spazjali u tinkoraġġixxi l-fertilizzazzjoni reċiproka tal-għarfien u l-ħiliet kif ukoll timplimenta mekkaniżmi li jinkoraġġixxu u jinċentivaw il-kondiviżjoni, l-użu konġunt u l-ġbir tad-data.
8. L-UE għandha tistinka għal trasformazzjoni lejn ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima sabiex jinkisbu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. L-infrastruttura u d-data spazjali għandhom rwol ewlieni fil-monitoraġġ tal-fatturi varjabbli ewlenin bħall-gassijiet serra, is-CO₂ u l-metan, il-monitoraġġ ta' bidliet fl-ambjent u r-reazzjoni għal diżastri naturali.

² dok. 11965/1/19 REV 1.

³ dok. EUCO 9/19.

III. L-EKONOMIJA SPAZJALI NNIFISHA TEĦTIEĠ LI TKUN SOSTENIBBLI

9. Żieda fl-attivitajiet fl-ispazju iġġib magħha żieda ta' pressjoni fuq is-settur spazjali biex jiġi żgurat li l-imġiba tagħhom tkun responsabbli. Sabiex jinżamm l-aċċess awtonomu, affidabbli u kosteffettiv tal-UE għall-ispazju, huwa importanti li jiġi żgurat li l-ispazju jibqa' aċċessibbli.
10. Il-proliferazzjoni tar-residwu spazjali tibqa' l-aktar riskju serju għas-sostenibbiltà tal-attivitajiet spazjali. L-Ewropa għandha tkun fuq quddiem fil-promozzjoni tal-prinċipji internazzjonali ta' mġiba responsabbli fl-ispazju extratmosferiku fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' fora multilaterali oħrajn xierqa. Il-linji gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul tal-ispazju extratmosferiku, aċċettati mill-COPUOS tan-NU f'Ġunju 2019, jinkoraġġixxu lill-Istati u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jieħdu miżuri ta' implimentazzjoni biex jiżguraw l-użu sostenibbli tal-ispazju extratmosferiku. Iż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju titlob ukoll għad-diskussjoni internazzjonali dwar il-ħtieġa ta' Ġestjoni tat-Traffiku Spazjali.
11. Biex tissaħħaħ aktar it-tmexxija Ewropea fl-użu sostenibbli tal-ispazju u fid-dawl tal-premessa 7 tal-proposta għar-regolament dwar il-Programm Spazjali tal-UE, għandhom isiru sforzi biex tiġi esplorata l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mat-Trattati u l-Konvenzjonijiet rilevanti tan-NU.
12. L-iffullar fl-orbiti jista' jwassal ukoll għall-ħolqien ta' suq ġdid għal operazzjonijiet ta' tmiem il-ħajja u tneħħija mill-orbiti, għal servizzi ta' manutenzjoni għall-orbiti kif ukoll it-tneħħija attiva ta' residwi. Is-soluzzjonijiet innovattivi f'dawn l-oqsma huma elementi ewlenin għal infrastruttura spazjali sostenibbli u l-kompetittività Ewropea. Huwa ta' importanza kbira li s-settur spazjali Ewropew jitqiegħed fuq quddiem nett f'dan il-ħolqien ta' suq.

IV. KONKLUŻJONIJIET

13. Politika spazjali Ewropea futura għandha tippermetti b'mod aktar effettiv li s-settur spazjali jkun marbut mat-tiġdid u t-tkabbir ta' setturi oħra. B'mod partikolari, il-kisba ta' tmexxija Ewropea fit-trasformazzjoni diġitali, l-azzjoni klimatika u l-użu sostenibbli tal-ispazju extratmosferiku, jipprovdu opportunitajiet f'negozji ġodda u innovazzjonijiet transsettorjali.

V. MISTOQSIJET GĦAD-DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI

14. Fil-kuntest deskritt hawn fuq, l-Istati Membri huma mistiedna jiskambjaw fehmiet dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *Liema miżuri għandha tiegħu l-UE biex tippromwovi l-kapaċità tas-settur spazjali li jiżviluppa u jorbot ma' setturi mhux spazjali, b'mod partikolari t-trasformazzjoni diġitali u l-azzjoni klimatika, biex b'hekk jiġu promossi t-tkabbir u t-tiġdid sostenibbli?*
 2. *Kif niżguraw li s-sostenibbiltà ssir element importanti tal-politika spazjali Ewropea? L-Ewropa għandha takkwista t-tmexxija fl-użu sostenibbli tal-ispazju u jkollha rwol attiv fil-promozzjoni globali tiegħu u biex tmexxi 'l quddiem l-iżvilupp ta' teknoloġiji sostenibbli ewlenin?*
-